

# Il-Kanonku Ġwakkin Schembri u l-wirt li ħalla fil-Parroċċa Ġorġjana... Id-Domus Curialis

*Kav. Carmel Bianchi KGO*

**Infakkru x'ġara f'din id-dar 40 sena ilu.**



Min jaf kemm-il darba aħna u sejrin lejn il-knisja arċipretali ta' San Ġorġ Martri ngħaddu minn quddiem id-dar fejn joqgħod l-arċipriet. X'taf dwarha u kif spiċċat f'idejn din il-parroċċa?

Waqt quddiesa li kienet ikkonċelebrata mill-W.R. Arċipriet ta' dak iż-zmien, Dun Frans Abdilla S.Th.L. nhar il-festa liturġika ta' San Ġorġ Martri, jiġifieri fit-23 ta' April, 2001, il-poplu Ġorġjan feraħ għall-aħbar li d-dar enormi li tinsab ftit passi 'l bogħod mill-knisja ġiet irregalata lill-parroċċa.

F'testment li għamel għand in-Nutar Gerald Spiteri Maempel, datat il-21 ta' Diċembru, 1998, il-Kanonku Ġwakkin Schembri ħalla li wara mewtu, id-dar fejn kien joqgħod ser titħalla bħala residenza għal kull arċipriet li jkun qiegħed imexxi l-parroċċa Ġorġjana.

Bla dubju, l-Kanonku Ġwakkin Schembri ma għandu bżonn l-ebda intorduzjoni hawn ir-raħal, iżda għall-benefiċċju ta' dawk ta' ġenerazzjoni aktar żagħżugħa, ser nagħtikom ftit ħjiel dwar min kien il-benefattur ta' din id-dar.

Ġwakkin twieled nhar il-25 ta' Marzu, 1930, bin Rużar Schembri (Tal-Paċò) u s-Sinjura Nin nee' Cardona (Tax-Xiber). Minħabba dak li rrizulta fit-twelid tiegħu, Ġwakkin ġie mgħammed darbtejn. L-ewwel sagrament ġie amministrat lilu proprju ftit tal-ħin wara li twieled, hekk kif it-tabib iċċertifika li saħħet it-tarbija ma kinetx waħda tajba. Il-ġenituri tiegħu għammduh dakinnhar stess ġewwa darhom, bin-numru 41, Triq il-Kbira (Triq Irjali), Ħal Qormi. It-tieni magħmudija tiegħu seħħet ħamest ijiem wara, għar-raġuni li beda jintwera sinjal ta' progress fit-tarbija. Ingħata l-isem ta' Ġwakkin, għal nannuh, li serva ta' nutar sal-1911. L-isem sħiħ ta' Ġwakkin kien Joachim, Emanuel, Stephanus, Annuntiatus, Georgius.

***ikompli f paġna 98***

Fi tfulitu, wara l-ewwel edukazzjoni tiegħu, huwa daħal student fil-Liċeo fejn dam imur mill-1941 sal-1947. Hemm Ġwakkin kiseb għadd ta' ċertifikati tal-G.C.E. u tal-Matrikola. Minkejja t-taqtigħ il-qalb minħabba l-ħruxija tal-gwerra, Ġwakkin ma ħarisx lura. Wara erba' snin l-Università, kiseb il-B.A. u wara erba' snin oħra, iggradwa fit-Teologija (Lic.D.). Fis-17 ta' Marzu, 1956, jiġifieri fl-età ta' sitta u għoxrin sena, huwa ġie ordnat saċerdot fil-Konkatidral ta' San Ġwann mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Bħala art fertili, fil-familja ta' Ġwakkin nibtu fiha kanonku (tal-Katidral), imħallef u tabib speċjalista.



Bejn l-1956 u l-1958, Dun Ġwakkin ħalla lill-familja tiegħu u mar fl-Istitut Bibliku ta' Ruma biex jispeċjalizza fl-istudji bibliċi. Huwa firex l-intensività tal-istudju tiegħu fuq Isaija. Malli kiseb il-Liċenzjat, dan is-saċerdot mill-aktar umli kien ta' spalla għall-Professuri Saydon u Sant fejn huma t-tlieta ħabirku biex ġiet fuq riġlejha l-Għaqda Biblika Maltija. Flimkien ma' dawn il-professuri Dun Ġwakkin ħadem ras imb ras bħala eżaminatur fl-università, waqt li ma' Mons. Prof. Edward Coleiro għal xi żmien għallem il-Letteratura Latina. Kien ukoll lettur fl-Istitut Kattoliku tal-Furjana bejn is-snin 1958 u 1973. Fuq medda ta' tletin sena huwa wkoll kien għalliem tal-Latin, it-Taljan u l-Filosofija, fis-Seminarju, il-Liceo, l-iskola sekondarja tal-bniet, is-Sixth Form, il-Junior College u l-Università ta' Malta. Fil-Liċeo Superjuri Ġann Franġisk Abela, bejn is-snin 1985 sal-1991, Dun Ġwakkin kien Direttur Spiritwali.

L-imhabba u r-rispett li tant gawda Dun Ġwakkin mill-istudenti, kienu indiskrivibbli. L-istess imħabba u rispett nistgħu ngħidu li rċieva mill-poplu tal-Birgu. Fuq talba ta' wlied din il-belt, l-Arċisqof ta n-nomina u kompla żejjen ġieħ Dun Ġwakkin b'Kanonku fil-Kolleġġjata Vittorjożana. Il-pussess ingħatalu nhar il-5 ta' April, 1981. Wara nisġa ta' tliet paniġierki lil San Ġorġ Martri, fis-snin 1971, 1984 u 1982, il-Kanonku Ġwakkin Schembri għamel il-paniġierki f'diversi parroċċi oħra.

Fil-mixja saċerdotali tiegħu kellu għal qalbu ħafna l-Moviment tat-Tiġdid Kariżmatiku, waqt li wieħed ma jistax jiftakar jew jgħodd l-għadd ta' sigħat li kien iqatta' fil-konfessinarju, għad-dell tal-vara ta' San Ġorġ, mistur iħabbeb in-nies ma' Alla.

Fl-aħħar snin ta' ħajtu, il-Kanonku Ġwakkin ġie rikoverat fid-Dar tal-Kleru fi Fleur de Lys, imdawwar minn ħutu s-saċerdoti f'ambjent reliġjuż.

Jekk il-festa tal-Lunzjata tas-sena 1930 kienet iċ-ċavetta ta' ħajtu, il-festa tal-qaddisin kollha tas-sena 2006, kienet għalih il-muftieħ tal-bieb tal-ġenna. Dan għaliex il-Kanonku Ġwakkin, wara ħajja ta' sitta u sebgħin sena, mar jingħaqad mal-Ħallieq Divin.

Il-Poplu Qormi tah l-aħħar tislima kif kien verament jistħoqqlu, b'funeral u difna tassew xierqa. Il-katavru tiegħu ntradd lura lill-art fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata f'Raħal Ġdid, fejn huwa ġie rreġistrat bħala l-278,314 katavru midfun f'dan iċ-ċimiterju. Il-Kanonku Ġwakkin Schembri ġie midfun fil-Punent, Sezzjoni Q, Kompartiment 3 f'qabar numru 36 mal-membri l-oħra tal- familja tiegħu.

Tibqa' tidwi f'widnejna l-ittra li kien kiteb lil San Ġorġ u qara meta ġew imżanżna l-bradella u l-bankun, u l-memorja tiegħu għadha u tiqba' mfakkra bi triq li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi semma għalih.




**Dik li llum hija d-Domus Curialis.**



Mifruxa fuq medda konsiderevoli ta' art, bi ġnien kbir magħha (li min jaf kemm il-frieġħi tas-siġar kennijia li hemm fih, kienu ta' ispirazzjoni fil-kitba tiegħi waqt xi żjara li kont nagħmel lil Dun Ġwakkin), id-Domus Curialis (id-dar tal-arċipriet) li l-bieb prinċipali tagħha jinsab fit-Triq il-Kbira, taf it-tarf tagħha fi Triq il-Wied (ħdejn il-Klabb tal-Boċċi ta' San Ġorġ). Din id-dar, li llum qiegħed jgħix fiha l-Arċipriet Mario Mangion frisk bil-ħatra tiegħu, ma tafx biss il-wiċċ tal-Kanonku Ġwakkin Schembri u l-familja tiegħu, għax qabilhom, sid din id-dar kien proprju il-kuġin tal-kanonku, Dun Joe Pace, aktar magħruf magħna l-Qriema bħala Dun Peppin.

Kif jixhdu sew bl-iskrizzjoni fuqhom żewġ lapidi mwaħħla fuq kull bieb mal-faċċata ta' din id-dar, donnhom qegħdin jgħassu lil dak prinċipali, din id-dar laqgħet fiha wkoll żewġ kittieba magħrufa Qormin. Għalkemm għexu f'din id-dar fi żminijiet differenti, qiegħed nalludi għall-Kavallier Ġużè Muscat Azzopardi u l-Kavallier Anton Muscat Fenech.

*ikompli f paġna 100*







Kienet proprju x-xewqa tal-istess kanonku biex dawn iż-żewg irħamiet isibu posthom fejn nafuhom illum, u għall-kxif tagħhom kien thejja programm. Iċ-ċerimonja tal-kxif tal-lapidi kienet saret mill-President tar-Repubblika ta' dak iż-żmien, l-E.T. Dr. Anton Buttigieg, erbgħin sena ilu, jiġifieri nhar is-Sibt 19 ta' Marzu, 1977. Waqt din l-attività, li jien ukoll kelli sehem fiha, tat sehemha wkoll il-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi billi esegwiet programm ta' marċi, kif ukoll il-"Boy Scouts" ta' Ħal Qormi. Wara li l-president intlaqa' bid-daqq tal-Innu Nazzjonali Malti, il-Professur Ġużè Galea M.B.E., M.D., D.P.H., M.F.C.M., f'isem il-Kumitat Organizzattiv b'tifkira ta' Ġużè Muscat Azzopardi, għamel diskors ta' merħba. Il-programm issokta bid-diskors tal-President ta' Malta, fejn eżatt wara sar il-kxif tal-irħamiet. Waqt dan il-kxif, id-daqq tal-fanfarra mill-"Boy Scouts" kiser is-silenzju li kont taqtgħu b'sikkina. It-tberik ta' dawn il-lapidi sar mill-arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Gerard Frendo. Qabel it-tluq tal-President tar-Repubblika, il-Banda San Ġorġ Martri kompliet bid-daqq tal- marċi.

Illum, għalkemm din id-dar għandha l-pulmun tagħha mniġġes, kaġun tad-dħaħen tal-vetturi li ta' kuljum u bla waqfien jgħaddu minn quddiemha, għandha storja twila x'tirrakonta u ta' min tiftaħar biha. Illum, il-pedament umduż li fuqu ra jinbnew il-kantina u s-sulari ta' din id-dar, huwa xhieda ta' kemm dan il-blat imxebba' bl-ilmijiet li jerda' mill-gliegel ta' ilma tax-xita li jinżlu minn Triq Santa Katerina, ġie msarraf f'nixxiegħa ta' nies meqjusa kbar u li verament il-Belt Pinto għandha għalfejn tkun kburiha bihom.

Xewqa waħda għandi qabel immut. Mal-faċċata ta' din l-istess dar, li sa mill-eżistenza tagħha ospitat bosta nies, nara mwaħħla t-tielet irħama biex tfakkar li fiha għex ukoll dak il-bniedem li barra ħilietu, ta il-kollox tiegħu lil din il-Parroċċa Ġorġjana..... il-Kanonku Ġwakkin Schembri.